TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 19/15/F

**Corinne Caruana**

**vs**

**Bond's Limited**

Illum 23 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti prezz ta' *kitchen cupboard* li beda jitgħawweġ .

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat kċina f'Lulju 2013 u fi Frar tas-sena 2014 l-ixkaffa ta' 90cm bdiet tissegja jiġifieri tiddendel.

L-intimat issottometta li dan huwa riżultat tal-fwar li joħroġ mill-kitla u ta' affarijiet tqal li jitpoġġew fuq l-ixkafef, u aktar w aktar m'hemmx madum fuq wara fejn iżomm.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi verament l-ixkafef bdew jiddendlu, pero' t-Tribunal mhux konvint li huwa riżultat tal-fwar mill-kitla jew minn xi affarijiet tqal, anke minħabba l-fatt illi l-kitla hija 'l bogħod minn dawn l-ixkafef minħabba l-plakka.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi t-tiswija ssir responsabbilta' esklussiva tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**